

32006R0215

9.2.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 38/11

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI Nru 215/2006

tat-8 ta' Frar 2006

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-kodiċi doganali Komunitarju u li jemenda r-Regolament - (KE) Nru 2286/2003

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tal-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-kodiċi doganali Komunitarju (¹), u b' mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikoli 173 sa l-Artikolu 177 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (²) jipprovd regoli speċifiċi biex ikun iddeterminat il-valur doganali ta' ċerti merkanziji li jitħassru malajr, Is-sistema fil-forma attwali tagħha wriet lilha nfisha problematika biex tikkunsidra l-influssi kummerċjali u r-regoli ta' valutazzjoni ġenerali u għalhekk għandha għalhekk tkun mibdula b'sistema fejn prezziżiet ta' l-unità nnotifikati mill-Istati Membri u ppromulgati mill-Kummissjoni tista' tkun użata b'mod dirett biex tid-determina l-valur doganali ta' ċerti prodotti importati li jitħassru malajr u li huma mhalla wara li tkun inbiegħet il-kunsinna. Skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jipprovd bażi għas-simplifikazzjoni fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali.

(2) It-tagħrif dwar it-tip ta' tranżazzjoni, li hu miġbur fil-kaxxa 24 tad-dokument waħdieni amministrattiv (DWA), jippermetti li jiġu kkaratterizati t-tipi differenti ta' tranżazzjonijiet għat-tfassil ta' l-istatistika dwar il-kummerċ ta' l-Unjoni Ewropea ma' pajiżi terzi u bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Il-kodifikazzjoni ta' dan it-tagħrif hu stipulat fir-Regoli Komunitarji li jeżistu dwar din l-istatistika u b'mod partikolari fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000 li jwaqqaf ċerti dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-istatistika tal-kummerċ estern (³). Minħabba l-koerenza u l-effikacija, jeħtieġ għalhekk li ssir referenza għal dawn ir-Regoli fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93, għal dak li għandu x'jaqsam mal-kodiċi li għandhom jissemmew fil-kaxxa 24 (tip tat-tranżazzjoni) tad-dokument waħdieni amministrattiv.

(¹) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendant bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13.)

(²) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1, ir-Regolament kif l-aħħar emendant bir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148, 11.6.2005, p. 5).

(³) ĠU L 229, 9.9.2000, p. 14. Ir-Regolament kif l-aħħar emendant bir-Regolament (KE) Nru 1949/2005 (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 10).

(3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2286/2003 (⁴) regola ġdida dwar id-dokument waħdieni amministrattiv u l-użu tiegħi ġew imdaħħla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93. Dawn il-miżuri għandhom ikunu applikab-bli mill-1 ta' Jannar 2006. Fi qbil ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2286/2003, il-Kummissjoni, fuq bażi ta' rapport stipulat permezz tal-kontribuzzjoni ta' l-Istati Membri, wettqet valutazzjoni tal-programmi ta' implementazzjoni mill-Istati Membri tal-miżuri kkonċernati. Dan ir-rapport wera li ċerti Stati Membri mhumiex fil-pożizzjoni li jadattaw is-sistemi kompjuterizzati tagħhom sa l-1 ta' Jannar 2006. Jeħtieġ għalhekk li jkun previst, f'ċerti kundizzjoni, li d-data ta' applikazzjoni ta' dawn il-miżuri tinbidel għall-1 ta' Jannar 2007.

(4) Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti (KEE) Nru 2454/93 u (KE) Nru 2286/2003.

(5) Il-lista ta' tranżazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1917/2000 li tintużza biex jitniżżu l-kodiċijiet fil-kaxxa 24 tad-Dokument Waħdieni Amministrattiv ġie emendat b'effett mill-1 ta' Jannar 2006. It-terminu għall-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi ta' clearance bil-kompijuter jiskadi l-istess jum. Id-dispożizzjoni relatati ta' dan ir-Regolament għandhom għalhekk jaapplikaw mill-1 ta' Jannar 2006.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 152, għandu jidħol punt (a) fil-paragrafu 1:

"(a) a Il-valur doganali ta' ċertu merkanzija importata li titħassar malajr u li hi mhalla wara li tkun inbiegħet il-kunsinna jista' jkun direttament iddeterminat skond l-Artikolu 30(2) (c) tal-Kodiċi. Għal dan l-iskop il-prezzijiet ta' l-unità għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni Ewropea mill-Istati Membri u ppromulgati mill-Kummissjoni permezz tat-TARIC skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 (*).

Il-prezzijiet ta' l-unità għandhom ikunu kkalkulati u nnotifikati kif ġej:

(⁴) ĠU L 343, 31.12.2003, p. 1.

- (i) Wara imniżżla fil-punt(a) prezz ta' l-unità għal kull 100 kg nett għal kull kategorija ta' prodotti għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. L-Istati Membri jistgħu jiffissaw ammonti standard għall-ispejjeż li hemm referenza għalihom fil-punt (a) (ii) li għandhom ikunu mgħarrfa lill-Kummissjoni.
- (ii) Il-prezz ta' l-unità għandu jiġi użat biex jiddetermina l-valur doganali tal-merkanzija importata għal perjodi ta' 14-il ġurnata, kull perjodu jibda' nhar ta' Ġimgħa.
- (iii) Il-perjodu ta' referenza biex ikunu ddeterminati l-prezzijiet ta' l-unità għandu jkun il-perjodu ta' l-14-il ġurnata precedingi dan li jispicċċa l-Hasnis ta' qabel il-ġimġha li matulha l-prezzijiet ta' l-unità għandhom jiġi stabbiliti.
- (iv) Il-prezzijiet ta' l-unità għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni f'Euro mhux aktar tard minnofsinhar tat-Tnejn tal-ġimġha li fiha huma jkunu disponibbli. Jekk dik il-ġurnata hi ġurnata li fiha ma jsirx xogħol, in-notifika għandha tkun magħ-mula fil-ġurnata tax-xogħol li li tiġi immedjata-ment qabel dik il-ġurnata. Il-prezzijiet ta' l-unità jaapplikaw biss jekk din in-notifika hi ppromulgata mill-Kummissjoni.

L-oġġetti msemmija fl-ewwel paragrafu huma mniżżla fl-Anness 26.

(*) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1."

(2) L-Artikoli 173 sa 177 huma mħassra.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-8 ta' Frar 2006.

- (3) L-Anness 26 hu sostitwit bit-test li hemm fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.
- (4) L-Anness 27 hu mħassar.
- (5) L-Anness 38 huwa emendat skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 2286/2003 huwa mib-dul b' li ġej:

"4. Il-punti (3) sa (9), (17) u (18) ta' l-Artikolu 1 huma applik-abbli mill-1 ta' Jannar 2006. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw dawk id-dispożizzjonijiet qabel dik id-data.

Barra minn hekk, l-Istati Membri li għandhom diffikultajiet biex jadattaw is-sistemi kompjuterizzati tagħhom ta' tneħħija ta' dwana jistgħu jbidlu l-adattament ta' dawn is-sistemi sa l-1.1.2007. F'dawn il-każi, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-modalitajiet u d-data meta jimplimentaw il-punti 3 sa 9, 17 u 18 ta' l-Artikolu 1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan it-tagħrif."

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara li jkun ġie ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.
2. L-Artikolu 1(1) sa (4) għandhom jaapplikaw mid-19 ta' Mejju 2006.
3. L-Artikolu 1(5) ta' u l-Artikolu 2 għandhom jaapplikaw mill-1 ta' Jannar 2006.

*Għall-Kummissjoni
Laszlo KOVACS
Membru tal-Kummissjoni*

ANNESS I

“ANNESS 26

LISTA TA' OĠĠETTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 152(a)a

Proċedura ssimplifikata għall-valutazzjoni ta' ċerti prodotti li jitħassru, importati abbażi ta' kreditu skond l-Artikolu 30(2)(c) ⁽¹⁾

| Kodiċi (TARIC) NM | Deskriżzjoni tal-prodotti | Perjodu ta' validità |
|---|---|----------------------|
| 0701 90 50 | Patata ġidida | 1.1.-30.6. |
| 0703 10 19 | Basal | 1.1.-31.12. |
| 0703 20 00 | Tewm | 1.1.-31.12. |
| 0708 20 00 | Fażola | 1.1.-31.12. |
| 0709 20 00 10 | Asparagu: — aħdar | 1.1.-31.12 |
| 0709 20 00 90 | Asparagu: — oħrajn | 1.1.-31.12. |
| 0709 60 10 | Bżar ġelu | 1.1.-31.12. |
| ex 0714 20 | Patata ġelwa, friska jew imkessħa, sħiħa | 1.1.-31.12. |
| 0804 30 00 90 | Ananas | 1.1.-31.12 |
| 0804 40 00 10 | Avokado | 1.1.-31.12. |
| 0805 10 20 | Larinġ ġelu | 1.6.-30.11. |
| 0805 20 10 05 | Klementin | 1.3.-31.10. |
| 0805 20 30 05 | Monreales u Satsumas | 1.3.-31.10. |
| 0805 20 50 07 0805 20 50 37 | Mandolin u Wilkins | 1.3.-31.10. |
| 0805 20 70 05 0805 20 90 05 0805 20 90 09 | Tangerines u oħrajn | 1.3.-31.10. |
| 0805 40 00 11 | Grejpfrut: — Abjad | 1.1.-31.12. |
| 0805 40 00 19 | Grejpfrut: — Roża | 1.1.-31.12. |
| 0805 50 90 11 0805 50 90 19 | Lumi { <i>Citrus aurantifolia</i> , <i>Citrus latifolia</i> } | 1.1.-31.12. |
| 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda | 21.11.-20.7. |
| 0807 11 00 | Dulliegħi | 1.1.-31.12. |
| 0807 19 00 10 0807 19 00 30 | Amarillo, Cuper, Honey Dew (inkluż Cantalene), Onteniente, Piel de Sapo, (inkluż Verde Liso), Rochet, Tendral, Futuro | 1.1.-31.12. |

⁽¹⁾ Minkejja r-regoli għall-interprettazzjoni tan-nomenklatura magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jiġi kkunsidrat bħala li ma għandux aktar minn valur indikattiv u l-lista tal-prodotti li qed jiġu stabbiliti, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-Kodiċi NM u TARIC bħala kif ikunu fil-mument ta' adozzjoni tar-regolament attwali. Meta l-ex kodiċi huma indikati, il-kodiċi u d-deskrizzjoni korrispondenti tagħhom iridu jinqraw flimkien.

| Kodiċi (TARIC) NM | Deskrizzjoni tal-prodotti | Perjodu ta' validità |
|--------------------------------|--|---------------------------|
| 0807 19 00 91 0807 19 00 99 | Bettieħ oħrajn | 1.1.-31.12 |
| 0808 20 50 10 | Lanġas: — Nashi (Pyrus pyrifolia) — Ya (Pyrus bretscheideri) | 1.5.-30.6. |
| 0808 20 50 90 | Lanġas: — oħrajn | 1.5.-30.6. |
| 0809 10 00 | Berquq | 1.1.-30.5. & 1.8.-31.12. |
| 0809 30 10 | Nuċiprisk | 1.1.-10.6. & 1.10.-31.12. |
| 0809 30 90 | Ħawħ | 1.1.-10.6. & 1.10.-31.12. |
| 0809 40 05 | Għanbaqar | 1.10.-10.6. |
| 0810 10 00 | Frawli | 1.1.-31.12. |
| 0810 20 10 | Lampun | 1.1.-31.12. |
| 0810 50 00 | Ribes Ċiniż (Kiwifruit) | 1.1.-31.12." |

ANNESS II

Fl-Anness 38 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 in-nota li tikkonċerna l-kaxxa 24 hi mibdula bit-test li ġej:

"Kaxxa Nru 24: Natura tat-tranżazzjoni

L-Istati Membri li jeħtieġu din l-informazzjoni għandhom jużaw l-għadd kollu tal-kodiċijiet b'ċifra waħda li tinsab fil-kolonna A tat-tabella stipulata skond l-Artikolu 13(2), tar-egolament (KE) Nru 1917/2000 (*), minbarra, fejn jeħtieġ, tal-kodiċi Nru 9, u juru din iċ-ċifra fix-xellug tal-kaxxa. Eventwalment, huma jistgħu jipprevedu li tkun tista' titniżżejjel fil-lemin tal-kaxxa ċifra oħra meħuda mill-kolonna B.

(*) ĠU L 229, 9.9.2000, p. 14."